# L-GHANJA TAL-WARRANI *
## (LILL-GĦAR TAL-QATTARA)

*Ta'* Pawlu Caruana

Urini qalbek ħalli nsib is-seħer
li għandek moħbi; kif minn blata samma,
qatra, qatra, jxoqq l-ilma u kull taqtira
redgħet is-safa u l-benna mill-blat għeri.
Mis-saqaf niedi tnixxi qatra żgħira ,
tikber, titqal, tiżżerżaq, fl-aħħar taqa'
u titwaħħad ma' sħabha f'ħawt imgħawwar.
Imb'għad terġa' oħra, w' oħra, hekk ix-xejra
ta' l-ilma tibqa' sejra bla ma tehda.
Għaddew is-snin bl-eluf minn meta tnisslet
u serpet qajla, qajla fik dil-ħajja.
Oqbla ta' bhejjem kbar, bhejjem għariba,
kien għadhom jgħammru ġol-għerien mudlama
u jiġġerrew mal-blat donnhom egħfieret,
isemmgħu l-għajta waħxija u mqita
sakemm il-ġnub tal-wied jirtogħdu u jidwu.
Min jaf kemm rajthom fil-lijeli sajfija,
(u l-qamar kien jagħtihom dehra ġdida)
jimirħu u jirgħu, jissaraw bejniethom :
u rajt uħud maqtula, uħud imdemma
resqin muġugħa lejk biex kieku jrejqu
l-aħħar nixfa tal-mewt u jtaffu l-ġrieħi!
U kemm rajt minnhom fil-ljieli xitwija,
meqruda u mkaxkrin mill-ħamla kiefra!
Tgħid għammar fik ukoll il-bniedem bikri
meta kien għadu dehni bħal tarbija?
Min jista' jgħid 'kk il-ħofra fl-art moħfija
tħaffritx taħt id-daqqiet tal-ġebel żonqri
jew taħt il-qawwa ta' xi għodda ewliena?...
Jonkella l-ilma li maż-żmien għawwarha?
Misteru għalina l-lum l-imgħoddi tiegħek
għaliex iż-żmien nessej difen ġrajjietek.
Int tibqa' mbikkem quddiem din il-ħerba,
bħal min mirbuħ mill-biża' jew min-niket
iħoss ilsienu tqil u l-kelma iebsa.
Ir-ritmu biss ta' l-ilma ħaj fadallek,
irodd imnikket l-għanja tal-Warrani.

---

* *Tagħrifa*: F'Wied il-Għasel hemm għar imlaqqam "tal-Qattara", għax mis-saqaf tiegħu dejjem inixxi l-ilma.